2) *Verein Deutsche Sprache eV għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 294, 20.8.2018.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2018 minn Adrian Iordăchescu, Florina Iordăchescu, Mihaela Iordăchescu, Cristinel Iordăchescu mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fit-18 ta' April 2018 fil-Kawża T-298/17, Iordăchescu *et* vs Il-Parlament *et***

**(Kawża C-426/18 P)**

(2019/C 112/14)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Partijiet**

*Appellanti:* Adrian Iordăchescu, Florina Iordăchescu, Mihaela Iordăchescu, Cristinel Iordăchescu (rappreżentant: A. Cuculis, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-31 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) ċaħdet l-appell.

---

**Appell ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2018 mill-Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-10 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-514/15, Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-560/18 P)**

(2019/C 112/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych (rappreżentant: P. Hoffman, adwokat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2018 fil-kawża T-514/15, Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Ġunju 2015, GESTDEM 2015/1291, li tirrifjuta aċċess lill-appellanti għall-opinjoni ddettaljata maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika 2014/537/PL, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Lulju 2015, GESTDEM 2015/1291, li tirrifjuta aċċess lill-appellanti għall-opinjoni ddettaljata maħruġa mir-Repubblika ta' Malta fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika 2014/537/PL, u tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż rispettivi tagħha u għal dawk tal-appellanti; jew,

— sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax li t-tilwima tinsab fi stat li tiġi deċiża, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u tirriżerva l-ispejjeż.